# <u>Minuti tad-49 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>

Id-49 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Simon Vella.

Is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia kienu skużati.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tat-48 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sinjura Maria Elena Debattista tkellmet dwar il-marki tat-traffiku f'St Peter's u qalet li fi Triq il-Bumellies saru xi linji sofor quddiem garaxx u nħoloq inkonvenjent għar-residenti. Iċ-*Chairperson* talbet li dawn il-linji jitneħħew mill-Kunsill u ma jergħux isiru.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Kunċert Celebration li ser isir nhar il-Ħadd, 29 ta' Diċembru, 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija fl-okkażjoni tal-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Dwar ix-xogħol fuq il-bankini ta' Triq San Leonardu s-Sur Clews qal li kien tkellem mas-Sindku tal-Kalkara dwar il-parti tal-bankina li tmiss mal-konfini tal-Kalkara.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-50 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2014.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*